Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2013/C 25/03)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emendati kif ġej:

Fil-paġna 93, bejn it-titolu tal-Intestatura "**2206 00 Xorb ieħor iffermentat (bħala eżempju, sidru, perry, mead); taħlit ta' xorb iffermentat u taħlit ta' xorb iffermentat u xorb mhux alkoħoliku, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra**" u r-ringiela "**2206 00 10 Piquette**", jiddaħħal it-test li ġej:

"Għar-rigward tal-klassifikazzjoni ta' xorb ibbażat fuq alkoħol iffermentat, li miegħu jkun ġie miżjud alkoħol distillat, ilma u sustanzi oħra (bħal ma hu l-ġulepp, aromi u kuluri diversi u, f'xi każijiet, bażi ta' krema), ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-150/08. Skont is-sentenza, jekk dawk l-addizzjonijiet iwasslu għal telf fit-togħma, fir-riħa u/jew fid-dehra ta' xarba prodotta minn xi frotta jew prodott naturali partikolari, jiġifieri xarba iffermentata tal-intestatura 2206, issaħħ il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 2208."

Fil-paġna 95, bejn ir-ringiela "**2208 90 78 Xorb ieħor spirituż**" u t-titolu tal-Intestatura "**2209 00 Ħall u sostituti tal-ħall magħmula minn aċtu aċetiku**", jiddaħħal it-test li ġej:

"**2208 90 91 u 2208 90 99**	**Alkoħol etiliku mhux denaturat b'qawwa alkoħolika bil-volum ta' anqas minn 80 % vol, f'kontenituri li jesgħu** Dawn is-sottointestaturi jinkludu likwidu deskritt bħala 'malt beer base' b'qawwa alkoħolika bil-volum ta' 14 % u miksub minn birra ffermentata, ippurifikata u mbagħad soġġetta għall-ultrafiltrazzjoni, li permezz tagħha titnaqqas il-konċentrazzjoni ta' ingredjenti bħal sustanzi morri u proteini (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-196/10)."

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU C 137, 6.5.2011, p. 1.